MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 485/2004

**Sorriso Limited (C5091)**

**vs**

**John Sammut u martu Joyce Sammut**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u disgha u sebghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm2,479.63) rapprezentanti in kwantu ghal elfejn, mija u seba' liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm2,107.73) bhala arretrati ta' kera fuq il-fond 1 & 2, St. Peter's Court. Block C, Triq l-Isponoz, Bugibba mill-1 ta' Gunju, 2003 sal-31 ta' Awissu, 2004 u in kwantu ghal tliet mija u wiehed u sebghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm371.90) bhala kontijiet ta' dawl u ilma relattiv ghall-istess fond ghall-perijodu bejn id-9 ta' Mejju, 2003 u l-11

ta' Frar, 2004 u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali min-notifika ta' l-Avviz ghas-smiegh sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fid-9 ta' Dicembru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------